# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 347/21/1 TA**

**Suzanne Mifsud u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2023 il-kunjom Mifsud ġie mibdul għal Attard**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi u, għal kull interess li jistgħu jkollhom: Citypro Limited (C-26902) u Edgar Mifsud**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-konvenuti Citypro Limited u Edgar Mifsud mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Novembru, 2023 u li biha laqgħet it-tielet talba tal-attriċi li taqra hekk:

> *"Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li, b'applikazzjoni tal-artikolu 66(5) tal-Kap. 406, l-istess rikorrenti ma hijiex solidalment responsabbli għat-taxxa u d-dejn tas-soċjeta intimata a tenur tal-artikolu 66(1) tal-listess Kap u li għalhekk l-ammonti mitluba huma biss dovuti mill-konvenut Edgar Mifsud u s-soċjeta Citypro Limited".*

2. Għal dawk li huma fatti, jirriżulta:

i. Il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat lill-attriċi avviż datat 11 ta' Ġunju 2020 u li bih interpellaha tħallsu s-somma ta' €16,891.59 skont rendikont mehmuż mal-istess, ħlas ta' VAT u imgħax fuq l-istess. Rendikont maħruġ *ai termini* tal-Art. 59 tal-Kap. 406. L-avviż ma ġiex notifikat lill-attriċi (ara *pink card* a fol.21).

ii. Kien għalhekk li l-Kummissarju ppubblika avviż fil-gazzetta tal-gvern (Awwissu 2020) u f'żewġ gazzetti lokali fejn jissemmew l-attriċi u l-appellanti u l-ammont li kien qiegħed jippretendi mingħandhom. Fiż-żmien rilevanti d-diretturi tal-kumpanija kienu l-attriċi u l-appellant. Però fl-atti m'hemmx l-avviż oriġinali li suppost intbagħat lill-kumpanija appellanti u lill-appellant Mifsud.

iii. Fl-20 ta' Ottubru, 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat sentenza fil-kawża ta' separazzjoni (Suzanne Mifsud v. Edgar Mifsud 119/2014) tal-20 ta' Ottubru 2020, fejn *inter alia* assenjat l-ishma tal-kumpanija CityPro Limited lir-raġel. B'sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tar-raġel u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Sentenza li llum hi *res judicata*.

iv. Fit-13 ta' Novembru 2020 il-Kummissarju ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konjuġi Mifsud u Citypro Limited li biha sejħilhom biex iħallsu s-somma ta' €16,891.59, Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Dak l-att ġudizzjarju kien preżentat għall-finijiet tal-Art. 59 tal-Kap. 406. Fl-atti m'hemmx prova li dak l-att ġudizzjarju ġie notifikat lill-appellanti.

v. Kien fid-19 ta' April, 2021 li l-attriċi fetħet il-kawża.

3. Fir-rikors maħluf l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1) Tiddikjara u tiddeċiedi li t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-intimati indikati fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A")(fosthom l-attriċi), huwa irritu u null u infondat fil-fatt u fid-dritt u ma għandux stat, żgur fil-konfront tal-attriċi u għalhekk ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;*
>
> *2) Tiddikjara u tiddeċiedi li għalhekk, daqstant ieħor hija irrita u nulla t-talba magħmula permezz tal-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") u li għalhekk it-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-hemm indikati intimati (fosthom l-attriċi) ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;*
>
> *3) Tiddikjara u tiddeċiedi li semmai, jekk tassew hemm xi ammonti minn dak mitlub fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") li huma dovuti lill-Kummissarju konvenut, li huma biss il-konvenuti Edgar Mifsud u l-istess CityPro Limited li għandhom jħallsu dak l-ammont hekk dovut."*

4. Bi tweġiba preżentata fl-24 ta' Mejju 2021 il-Kummissarju tat-Taxxi kkontesta t-talbiet tal-attriċi fosthom billi argumenta li l-attriċi hi responsabbli *in solidum* għat-taxxa dovuta mill-kumpanija.

5. Bi tweġiba preżentata fil-21 ta' Marzu 2022 il-konvenuti Mifsud u Citypro Limited ('appellanti') ikkontestaw li ġew notifikati bl-avviż u l-ittra uffiċjali, u qalu li ddaħħlu fil-kawża biss bħala pika. Żiedu li l-attriċi kienet għadha direttur tal-kumpanija Citypro Limited u bħala tali mgħandhiex jedd taħrab mir-responsabbiltajiet ta' direttur tal-kumpanija, u għalhekk għadha responsabbli. *Inoltre*, qalu li d-denunzji ma kinux preżentati minħabba li l-attriċi rrifjutat li tiffirma l-aħħar *audited accounts* tal-kumpanija appellanti u li r-rifjut kien minħabba pika min-naħa tal-attriċi, sabiex b'hekk tiġi xjolta l-kumpanija.

6. Bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"**<u>Decide</u>***
>
> *Ghaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,*
>
> ***Tiċħad l-ewwel talba Attriċi,***
>
> ***Tiċħad it-tieni talba Attriċi,***
>
> ***Tiċħad it-tmien eċċezzjoni tal-Intimat Kummissarju tat-Taxxi,** u konsegwentement,*
>
> ***Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti** billi tiddikjara li, b'applikazzjoni tal-artikolu 66(5) tal-kap. 406, l-istess rikorrenti ma hijiex solidalment responsabbli għat-taxxa u d-dejn tas-soċjetá Intimata a tenur tal-artikolu 66(1) tal-istess Kap u li għalhekk l-ammonti mitluba huma biss dovuti mill-konvenut Edgar Mifsud u s-soċjeta' Citypro Limited.*
>
> *L-ispejjez tal-kawża jitħallsu mill-intimat Kummissarju."*

7. Il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet taqra hekk:

*“Konsiderazzjonijiet.*

***7.*** *Il-Qorti se tibda biex tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li hija qatt ma rċieviet l-Avviż li l-Kummissarju intimat qed jallega li ntbagħat lilha (ara premessa 5 u 11).*

***8.*** *Fl-eċċezzjoni numru 4, il-Kummissarju rribatta din il-premessa billi ssolleva li huwa fil-fatt bagħat l-Avviż lir-rikorrenti u, wara li baqgħa minnha ma nġabarx, ippubblika l-istess fil-Gazzetta tal-Gvern u f’żewġ gazzetti lokali skont il-proċedura prevista fl-artikolu 73 tal-Kap. 406.*

***9.*** *Il-Kummissarju pprova dak minnu eċċepiet bil-preżentata tal-pink card tal-MaltaPost markata Dok A (a’ fol 21) fejn turi li l-Avviż datat 11 ta’ Ġunju 2020 (a’ fol 26) intbgħat lilha fl-istess jum fl-indirizz personali tagħha li huwa dak indikat mir-rikorrenti stess fir-Rikors promotur preżentat minnha (ara fol 4). L-intimat Kummissarju preżenta wkoll kopja tal-Gazzetta tal-Gvern datata 21 ta’ Awwissu 2020 (Dok B a’ fol 22), tal-gazzetta ‘The Malta Independent’ datata 28 ta’ Awwissu 2020 (Dok C a’ fol 23) u tal-gazzetta ‘In-Nazzjon’ datata 25 ta’ Settembru 2020 (Dok D a’ fol 24) permezz ta’ liema r-rikorrenti ġiet, flimkien mal-bqija tal-intimati, notifikata bl-avviż għall-ħlas ta’ taxxa, penali u interessi skont l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 bil-mod kif jiddisponi l-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-istess Kap.*

***10.*** *Ġie għalhekk ampjament pruvat li l-Avviż ħareġ, intbagħat u ġie fil-fatt notifikat, mhux biss lis-Soċjetá intimata, iżda wkoll lir-rikorrenti personalment. Għaldaqstant it-talba kif ibbażata fuq din il-premessa ma hiex ġusitifikata u sejra għalhekk tiġi miċħuda.*

***11.*** *Il-Qorti sejra konsegwentement tiċħad ukoll it-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li l-ammonti pretiżi mill-tntimat Kummissarju huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati (ara premessa 10 u 13). Dan għaliex, b’applikazzjoni tal-artikolu 59(1) u tal-kunsiderazzjonijiet legali supra, la darba ġie ppruvat li r-rikorrenti ġiet debitament notifikata bl-Avviż u ma appellatx kontrih fi-żmien mogħti mill-liġi, l-istess sar titolu eżekuttiv. Għaldaqstant, l-intimat Kummissarju jista’ kif hekk għamel, jiġbor dak il-ħlas wara jumejn minn notifika tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, skont id-dispost tal-artikolu 59(2) tal-Kap. imsemmi.*

***12.*** *Jibqa’ għalhekk għal Qorti li tikkonsidra t-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li hija ma kellhiex flus jew proprjetá tas-Soċjetá intimata taħt it-tmexxija jew kontroll tagħha (ara premessi 6 sa 9).*

***13.*** *L-intimat Kummissarju jeċċepixxi f’dan ir-rigward li r-rikorrenti, qua direttriċi tas-Socjeta ntimata Citypro Limited hekk kif jirrizulta mis-sit tal-Malta Business Registry (ara screenshot Dok E a’ fol 25), għandha responsabbiltá solidali għat-taxxa u d-dejn tal-istess*

*kumpanija hekk kif jiddisponi l-Artikolu 66 tal-kap. 406 (ara eċċezzjoni numru 8).*

***14.*** *Kif ġia rikonoxxut, "dan l-artikolu ipoggi lid-diretturi tal-kumpanija kif inhu Charles Zahra [kif ukoll ir-rikorrenti Suzanne Attard] fl-istess pozizzjoni tal-kumpanija u responsabbli bhala u in solidum maghha ghall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija.* ***L-uniku mod kif id-direttur jista' jehles minn din ir-responsabilita hu billi*** *[a tenur tas-sub-inċiż 5 tal-istess artikolu 66]* ***juri li ikun agixxa in buona fede u ma jkunx qieghed xjentement jiddisponi mill-flus u proprjeta tal-kumpanija b'mod li ma jibqalux bizzejjed ghal hlas ta' kull taxxa dovuta, jew xjentement jevadi l-obbligazzjonijiet tieghu taht dan l-Att. Din hi prova li trid issir mill-istess direttur biex jezimi ruhu mill-obbligu solidali mal-kumpanija.****" (Ara Sentenza fl-ismijiet* ***Rees Furniture Company Limited et -vs- Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud illum Kummissarju tat-Taxxi****,* ***Qorti Ċivili Prim' Awla, 2 ta' Ottubru 2012, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2017****).*

***15.*** *Mil-provi dettaljati prodotti mir-rikorrenti jirriżulta inkontestat li, matul il-perjodu li jkopri l-ammont ta' taxxa dovuta, żewġha ċaħħadha għal kollox mit-twettiq tal-obbligi tagħha qua direttrici tal-Kumpanija, inkluż mil-kontroll tal-assi ta' l-istess. Dan billi żammha għal kollox priva mill-aċċess għan-negozju u d-dokumenti tal-kumpanija msemmija (ara nota sottomissjoni a' fol 439 sa 445).*

***16.*** *Di più, bis-sentenza mogħtija fil-mori ta' dawn il-proċeduri, preċiżament fit-22 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat in toto s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Ottubru 2020 li, fil-likwidazzjoni minnha tal-komunjoni tal-akkwisti, assenjat l-ishma u l-avvjament tal-kumpanija in kwistjoni CityPro Limited lill-Intimat Edgar Mifsud, żewġ ir-Rikorrenti (din qiegħda tiġi hawn annessa ai kull buon fini billi ma ġietx pubblikata fl-internet fuq ordni tal-Qorti).*

***17.*** *Il-Qorti għaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ampjament l-oneru tal-prova inkombenti fuqha taħt l-artikolu 66(5) tal-Kap. 406, ossia li jissussistu l-elementi hemm stipulati għall-eżoneru ta' kwalunkwe responsabilità tagħha qua direttriċi tal-kumpanija versu l-obbligazzjonijiet fiskali ta' l-istess kumpanija fiż-żmien rilevanti.*

***18.*** *Dan għaliex ladarba jirriżulta sodisfaċentement provat, li r-rikorrenti ma kellhiex taħt it-tmexxija jew kontroll tagħha flus jew proprjetá tal-kumpanija, hija ma setgħetx tiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetá mingħajr ma ħasbet biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt il-Kap. 406. Isegwi għalhekk li r-Rikorrenti qatt ma setgħet xjentement taġixxi bi vjolazzjoni tal-artikolu 66(4) tal-Kap. 406. Di fatti ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod jitfa' dubbju fuq il-buona fede tar-rikorrenti. Din anzi qatt ma jidher li ġiet dubitata, mill-istess intimat Kummissarju.*

> ***19.*** *Il-Qorti għaldaqstant tikkonkludi li għandha tapplika fil-każ tar-rikorrenti l-limitazzjoni tar-responsabbiltá stabbilita fl-artikolu 66(5) tal-kap. 406. Konsegwentement ir-rikorrenti hija ġustifikata fl-asserzjoni li hi ma tistax tinżamm responsabbli flimkien mal-Kumpanija CityPro Limited għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta lill-Intimat Kummissarju.*"

8. Kien għalhekk li l-appellanti appellaw mis-sentenza. Fis-26 ta' Jannar 2024 il-Kummissarju tat-Taxxi wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. L-istess għamlet l-attriċi (27 ta' Mejju 2024).

9. <u>Bl-ewwel aggravju</u> l-appellanti qegħdin isostnu li s-sentenza appellata hi nulla għaliex l-Ewwel Qorti ma tathomx l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom.

10. Jirriżulta li:-

i. L-attriċi ppreżentat il-kawża fid-19 ta' April, 2021.

ii. Fil-21 ta' Marzu 2022 l-appellanti ppreżenta tweġiba ġuramentata (fol. 47).

iii. Wara dakinhar saru seduti fid-29 ta' Marzu 2022, 14 ta' Ġunju 2022, 20 ta' Ottubru 2022, 22 ta' Frar 2023, 2 ta' Mejju 2023, 20 ta' Ġunju 2023 u 16 ta' Novembru, 2023.

iv. Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023 l-attriċi ddikjarat li mgħandhiex iktar provi. Il-kawża tħalliet għall-provi tal-Kummissarju tat-Taxxi għas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2023.

v. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2023 il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li mgħandux provi u l-Qorti ddikjarat li, *"... l-kawża hi matura biżżejjed biex titħalla għas-sentenza"*. Il-Qorti tat lill-attriċi sal-15 ta' Ġunju 2023 sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet.

vi. Fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023 il-Qorti tat lill-konvenuti sat-30 ta' Awwissu, 2023 sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet u ħalliet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tas-16 ta' Novembru 2023.

11. Hu minnu li m'hemmx verbal li fih jingħad li l-kawża tħalliet għall-provi tal-appellanti. Però hu minnu wkoll li l-appellanti lanqas m'attendew għal xi waħda mill-imsemmija seduti. Għalkemm ippreżentaw id-difiża tagħhom bil-miktub, hu ċar li għażlu li ma jsegwux il-kawża. Ma tressqet l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika dak in-nuqqas gravi tal-appellanti, li lanqas ma ippreżentaw rikors sabiex jitolbu lill-Ewwel Qorti biex ma tagħtix is-sentenza u tagħtihom l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom. Dan minkejja li kif jirriżulta mit-*timeline* ta' hawn fuq, qabel ingħatat is-sentenza appellata altru milli kellhom biżżejjed żmien.

12. Meta tikkunsidra dak li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti fit-totalità tiegħu, l-ilment tal-appellanti hu fieragħ. Min ma jsegwix il-proċess ġudizzjarju b'diliġenza ma jistax imbagħad jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq. Kieku riedu l-appellanti setgħu attendew għas-seduti u talbu lill-Ewwel Qorti biex iressqu l-provi. Il-provi juru li l-appellanti ma wrew l-ebda interess fil-kawża wara li ppreżentaw it-tweġiba ġuramentata. Għalhekk ma jistgħux jippruvaw jieħdu vantaġġ min-nuqqas tagħhom.

13. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

14. <u>Bit-tieni aggravju</u> l-appellanti jilmentaw li Edgar Mifsud qatt ma jista' jitqies bħala l-persuna li għandha tħallas it-taxxa in kwistjoni għaliex qatt ma kien notifikat b'ittra uffiċjali mill-Kummissarju tat-Taxxi. Hu jsostni li l-istejjem dejjem ġew notifikati lil Suzanne Mifsud u għalhekk ma jistax jitqies bħala leġittimu kontradittur f'dan ir-rigward. Komplew li kienet l-attriċi li aġixxiet kontra l-interessi tal-kumpanija u *in mala fede*. Kienet hi li rrifjutat li tiffirma l-*accounts* tas-sena 2012, u għalhekk l-appellanti kienu mċaħħda milli jippreżentaw l-*accounts* u d-denunzji tat-taxxi relattivi lill-Kummissarju. Fatt li qal li ġie rikonoxxut fis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza li ngħatat fil-kawża 581/2014 tal-31 ta' Mejju 2012. Saħansitra l-attriċi fetħet proċeduri (11/2018ISB – <u>Suzanne Mifsud v. Citypro Limited</u>) li bihom talbet ix-xoljiment tal-kumpanija appellanti. Atti li jsostni li kienu għad-dispożizzjoni tal-Qorti u li setgħet tagħmel

referenza għalihom. Għalhekk l-attriċi ma kellhiex tibbenifika mill-Art. 66(5) tal-Kap. 406. Fil-fatt hi qatt ma ġiet imċaħħda milli twettaq l-obbligi tagħha bħala direttur tal-kumpanija, u anzi aġixxiet kontra l-interess tal-istess.

15. Hu fatt li mill-atti ma jirriżultax jekk Edgar Mifsud kienx ġie notifikat bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 2020. Għall-finijiet ta' dak li talbet l-attriċi l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi jekk l-attriċi kinitx personalment responsabbli għad-dejn li Citypro Limited jista' għandha fir-rigward tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud għall-perjodu rilevanti (l-1 ta' Diċembru 2014 sa l-1 ta' Settembru 2019) [1], wara li l-Qorti kienet sodisfatta li mill-provi kien irriżulta li l-avviż ġie notifikat lill-attriċi bil-mod li trid il-liġi. Fis-sentenza appellata ma sar l-ebda stħarriġ dwar in-notifika ta' avviż li seta' ntbagħat lill-appellanti *ai termini* tal-Art. 59 tal-Kap. 406 u tal-ittra uffiċjali 3799/2020 preżentata fit-13 ta' Novembru 2020 mill-Kummissarju tat-Taxxi.

16. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-attriċi kienet aġixxiet *in mala fede* kontra l-interessi tal-kumpanija, baqgħet biss allegazzjoni. Il-provi juru li l-konvenut kellu l-kontroll tal-kumpanija. Fid-deċiżjoni li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat dwar ir-rikors 581/2014 u li bih l-attriċi talbet li tinħall il-kumpanija Citypro Limited, il-Qorti ma qalitx li l-attriċi kienet in *mala fede* jew li kienet qiegħda taġixxi kontra l-interessi tal-kumpanija. Li jirriżulta

[1] Ara d-dokument a fol. 26.

minn dik id-deċiżjoni hu li l-kontroll tal-operat tal-kumpanija kien f'idejn il-konvenut Mifsud (ara fol. 35 tad-deċiżjoni). Għalhekk l-appellant kellu dmir li jieħu ħsieb li jibgħat id-denunzji tat-taxxa f'ħinhom. Sabiex jintbagħatu d-denunzji ma kienx hemm bżonn li jiġu approvati l-*accounts* tal-kumpanija. Dan apparti l-fatt li l-istatut tal-kumpanija jipprovdi li l-*accounts* kellhom jiġu approvati f'laqgħa ġenerali, fejn il-konvenut kellu l-iktar saħħa minħabba li l-maġġoranza tal-ishma kienu reġistrati f'ismu. Hemm ukoll il-prova li fuq talba tal-Kummissarju ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-attriċi talli ma ppreżentatx id-denunzji tat-taxxa. Madankollu, l-attriċi kienet liberata wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkonkludiet li l-inkartament meħtieġ kien fil-pussess ta' żewġha (ara fol. 58 sa 61). Mill-affidavit stess li ppreżentat l-attriċi (fol. 53) jirriżulta wkoll dak li qalet l-Ewwel Qorti, li ma setgħetx twettaq l-obbligi tagħha bħala direttur tal-kumpanija peress li fi kliem l-Ewwel Qorti, żewġha *".... żammha għal kollox priva mill-aċċess għan-negozju u d-dokumenti tal-kumpanija msemmija.....".* M'hemmx provi li jikkontradiċu l-verżjoni li tat l-attriċi.

17. Magħmula dawn il-konsiderazzjonjiet il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti li b'applikazzjoni tal-Art. 66(5) tal-Kap. 406, l-attriċi mhijiex responsabbli għall-ħlas mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi bl-avviż datat 11 ta' Ġunju 2020 u l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru, 2020.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq fis-sens li tħassar it-tielet kap tas-sentenza u minflok tiddeċiedi t-tielet talba tar-rikors maħluf billi tiddikjara biss li l-ħlas li l-Kummissarju tat-Taxxi talab mingħand l-attriċi permezz tal-ittra uffiċjali 3799/2020 preżentata fit-13 ta' Novembru 2020, mhuwiex dovut minnha.

Għall-kumplament tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 85% a karigu tal-appellanti u l-kumplament a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da